

# Missieri, il-Gross



**Mill-President Emeritu**
**Dr Ugo Mifsud Bonnici**

Missieri, Carmelo Mifsud Bonnici, magħruf bħala 'Il-Gross', twieled u trabba Bormla minn ġenituri Bormliżi u għex ħajtu kollha f'Bormla, barra minn sentejn f'Għawdex wara li marad gravi, fi żmien il-Gwerra. Iżżewweġ ukoll lil ommi, li kienet minn Bormla u bint missier Bormliż, ġewwa l-Knisja ta' San Pawl, f'Bormla. Twieled Bormla fl-1897 u miet Bormla fl-1948. Kien patrijott Malti u patrijott Bormliż. Għalih Malta, u speċjalment Bormla, u l-Maltin, u b'mod speċjali l-Bormliżi, kienu l-iprem. Kien devot tal-Madonna taħt it-titli tal-Kunċizzjoni u tal-Karmnu, li għalih kien imsemmi; kien ukoll devot ta' Santa Tereża ta' Avila. Tul ħajtu, il-Parroċċa, Santa Margerita u Santa Tereża kienu l-knejjes fejn kien jitlob. Fir-Rabat ta' Għawdex kien imur fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, li wkoll kellhom devozzjoni speċjali lejn il-Kunċizzjoni.



Carmelo Mifsud Bonnici ma' Mary Ross.

Għalih, tkun minn Bormla kien ifisser ukoll li jkollok ċerti valuri u sentimenti. L-ewwel nett li tqis li l-bnedmin huma aħwa u kull wieħed jew waħda, aqwa minn kull ġid materjali. Kien jammira f'nies belt twelidu din l-*umanità*, li tissarraf f'għajnuna, fi ħniena, f'mogħdrija, f'maħfra. F'waħda mill-poeziji tiegħu bit-Taljan jgħid li l-ambizzjoni tiegħu ma kinitx li jkun kbir, iżda li jkun tajjeb: *non grande, ma buono*. Għalih u għal ħuh, iz-Ziju, it-tabib Wenzinu (missier il-Monsinjur Giuseppe Mifsud Bonnici,

l-eks Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici u l-eks Ministru Antoine Mifsud Bonnici, Ċettina Mifsud Bonnici, il-PL Mario Mifsud Bonnici, u nannu, għax missier ommu Josette, tal-Isqof Awżiljarju Joseph Galea Curmi), biex jiċċertifikaw bniedem bħala ħabib, kienu jgħidulek: "Dak minn Bormla!".

Għalkemm missieri kien deputat f'erba' leġislaturi, darbtejn Ministru tat-Teżor u tal-Pulizija, professur tal-Università u avukat imsemmi ħafna, speċjalment f'ġurijiet li baqgħu famużi, l-iktar titlu li kien jixraqlu kien dak ta' "ħabib ta' *kulħadd*".

Kien bniedem ta' kultura letterarja kbira: kien jaqra l-Klassiċi tal-Letteratura Latina, Taljana, Ingliża, iżda wkoll dik Franċiża u fi traduzzjonijiet, dik Tedeska, Russa u Spanjola. Il-wirt prinċipali li ħallielna, lil ħija u lili, kien f'kotba u mħabba lejn il-kotba.

Kien ukoll poeta u kiteb ħafna poeziji bil-Malti u bit-Taljan. Kien ħabib ta' poeti Maltin oħra, l-iktar ta' Ninu Cremona, li għamel żmien joqgħod Bormla fi Triq Santa Margerita. Kien ukoll storiku: għamel riċerka dwar l-istorja ta' pajjiżna u l-liġijiet tiegħu, kemm fil-Medjuevu kif ukoll fi żmien iktar qrib lejna.



Carmelo Mifsud Bonnici mal-Patrijiet Kapuċċini tal-Kalkara.

Kien iħobb il-mużika: billi ommi kienet iddoqq il-pjanu, kien jixtri mużika biex tindaqq minnha, u kellna l-album ta' Haydn u l-album ta' Chopin; biċċiet ta' Mozart, Beethoven, Schubert u Schuman. Kien iħobb ukoll il-mużika tal-opri, u kien xtara opri sħaħ għall-pjanu, bħal *Mignon* ta' Ambroise Thomas. Kultant kien iħobb ikanta hu wkoll xi kanzunetta popolari. Kellu mużiċisti ħbieb, bħalma kien is-Surmast u kompożitur Carlo Diacono, li talbu jiktiblu l-kliem tal-Innu ta' Santa Katerina għaż-Żejtun: *O santa Verginella*. Diacono kkompona l-Quddiesa mill-isbaħ li tindaqq fil-ġurnata tal-festa tagħna.

Kien President, għal numru ta' snin, tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla u kien jinteressa ruħu ħafna fil-progress li jsir mill-banda fl-eżekuzzjoni. Kellu wkoll ħbiberija mad-diretturi mużikali ta' baned oħra, speċjalment ma' dawk ta' *La Vallette* u tal-baned tal-Kottonera.

Il-Banda San Ġorġ akkumpanjat il-funeral tiegħu bil-marċi funebri tagħha, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Bellizzi.



Il-Gross ma' Patri Alvaro Camilleri, Dumnikan.